**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 509/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Stephen Tabone**
**(ID 55287(M))**

**Illum, 29 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat **Stephen Tabone** ta' 26 sena, iben Alfred u Maria Assunta nee` Vella, imwieled il-Pieta`, nhar it-13 ta' Jannar 1987, residenti St Mary, Triq l-Istiratur, Mosta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 55287(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-25 ta' Diċembru 2013:

a) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina piskotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu

Magħha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2015, l-imputat wieġeb illi mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda tal-**Ispettur Malcolm Bondin** jirriżulta illi dan il-każ seħħ fil-25 ta' Diċembru 2013, meta Uffiċjali tal-Pulizija illi kienu qegħdin jagħmlu tfittxijiet ġewwa *Club Montecarlo,* Paceville, waqqfu lill-imputat meta dan kien jinsab ġewwa t-*toilet* tal-istess stabbiliment. L-Ispettur spjega illi waqt il-*handover* illi ngħata mill-pulizija illi eżegwew it-tfittxija u l-arrest tal-imputat, dawn qalulu illi meta daħlu ġewwa t-*toilet* fuq l-imputat, sabu pillola mal-art. Waqt it-tfittxija fuq l-imputat, sabu fuq il-persuna tiegħu *tissue* li ġo fiha kien hemm pillola tal-istess kulur bħal dik li nstabet fl-art. L-esebiti ġew mgħoddija lilu mill-istess Uffiċjali tal-Pulizija. Sa mill-bidu nett l-imputat ċaħad illi dawk il-pilloli kienu tiegħu. Huwa rrilaxxja stqarrija nhar il-25 ta' Diċembru 2013 u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[1]

**PS 1174 Adrian Sciberras** xehed illi fil-25 ta' Diċembru 2013 kienu għaddejjin diversi spezzjonijiet ġewwa Paceville, fosthom ġewwa l-istabbiliment *Montecarlo* u b'mod partikolari fit-*toilet*s tal-istess stabbiliment. Spjega illi hekk kif kienu deħlin ġewwa t-*toilet*s innotaw lill-imputat ħiereġ mit-*toilet,* iżda hekk kif ra lill-pulizija deħlin, huwa kien ser jipprova jagħti s-salt sabiex jerġa' jidħol fit-*toilet,* meta ġie miżmum mix-xhud u minn PC 1500. Ix-xhud jgħid illi fil-waqt illi huwa żammlu jdejh, PC 1500 beda t-tfittxija fuq l-imputat. Jgħid ukoll illi huwa baqa' jżommlu jdejh, stante illi dan baqa' jipprova jdaħħal idu fil-but. Fil-frattemp l-imputat beda jgħajjat illi kienu qed iżommuh għalxejn. Ix-xhud ikompli jgħid illi ħin minnhom, PC 1500 Alfred Cutajar ħareġ *tissue* mill-but tan-naħa tal-lemin tal-qalziet tal-imputat u poġġa l-istess *tissue* "*hawnhekk*" sakemm ivverifika jekk l-istess imputat kellux xi ħaġa fil-pussess tiegħu li setgħet tweġġagħhom, iżda hekk kif l-istess PC 1500 qabad it-*tissue* u beda jiftaħha, minnha waqgħet pillola ta' lewn ħadrani. Jgħid ukoll illi huma rawha nieżla minn ġot-*tissue.* PC 1500 ġabar il-pillola minn mal-art u poġġiha lura fit-*tissue,* u din tpoġġiet ġewwa *evidence bag* flimkien mal-*mobile phone* tal-imputat. Hawnhekk huwa ġie informat bl-arrest tiegħu, ingħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, u ttieħed il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

---

[1] Ara l-istqarrija tal-imputat a fol. 6 u 7 tal-proċess, kif ukoll id-dikjarazzjoni tiegħu ta' rifjut tal-jedd għall-parir legali, a fol. 8 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin, a fol. 10 sa 12 tal-proċess.

**In kontro-eżami** x-xhud jgħid illi meta daħlu ġewwa l-*common area* tat-*toilets*, l-imputat ma kienx hemm waħdu, iżda kien hemm persuni oħrajn. Ma jiftakarx kemm kien hemm nies, pero` jiftakar illi bħala pulizija daħlu iktar minn tnejn, iżda kienu hu u PC 1500 li żammew lill-imputat, fil-waqt illi pulizija oħrajn żammew lil persuni oħra. Jikkonferma li saret tfittxija fuq il-persuni kollha fl-istess ħin u fl-istess post. Spjega illi din il-*common area* kienet kbira bejn wieħed u ieħor daqs l-ispazju ta' bejn il-pedana tax-xhieda u t-tribuna tal-Maġistrat jew l-iskrivanija tad-Deputat Reġistratur u kkonferma illi f'dan l-ispazju kien hemm minimament erba' pulizija u żewġ persuni oħra, wieħed minnhom l-imputat. Ix-xhud ma kienx jaf jgħid jekk instabx xi ħaġa fuq il-persuna l-oħra, stante li hekk kif l-imputat irriżulta fil-pożittiv, huma ħarġu bih mill-ewwel. Meta ġie ssuġġerit lilu illi huwa qal illi kienet instabet xi ħaġa fl-art, huwa jinnega dan u jgħid illi dak li qal kien illi hekk kif PC 1500 fetaħ it-*tissue* li huwa kien ħareġ mill-but tal-imputat, minnha waqgħet pillola. Innega wkoll illi fix-xhieda tiegħu huwa qal illi din kienet tixbaħ l-ewwel pillola ħadra li nstabet. Jgħid illi huwa jaf biss bil-pillola waħda li waqgħet mit-*tissue* għalkemm jgħid ukoll imbagħad "*Naf li sussegwentement kien gara dan*"[2] – għalkemm ma jispeċifikax x'ġara. Żied jispjega illi t-tfittxija saret ġewwa t-*toilet* u mhux f'xi post komdu fejn setgħu jagħmlu tfittxija intima.[3]

**PC 1500 Alfred Cutajar** xehed illi flimkien ma' PS 1174 Adrian Sciberras, waqt spezzjonijiet ġewwa Paceville nhar il-25 ta' Diċembru 2013, daħlu ġewwa l-istabbilment *Montecarlo*, niżlu fit-*toilets* u hemm waqqfu lill-imputat u nfurmawh illi kienet ser issir tfittxija fuq il-persuna tiegħu. Spjega illi l-imputat ġie mwaqqaf għaliex deher suspettuż billi kien dieħel u ħiereġ ġewwa t-*toilet*. Huwa jgħid illi waqt it-tfittxija fuq l-istess imputat, huwa ħareġ *tissue* mill-but tal-lemin tal-qalziet tal-imputat u poġġiha fuq il-ġakketta tal-istess imputat sabiex ikompli bit-tfittxija. Jgħid ukoll illi hekk kif ġie biex jiftaħ it-*tissue* quddiem l-imputat, minnha waqgħet pillola ta' lewn aħdar li huwa ssuspetta li kienet *ecstasy*. Dak il-ħin huwa nforma lill-imputat li kien arrestat u tah id-drittijiet tiegħu, u elevaw il-*mobile phone* tal-imputat mill-pussess tiegħu. Sussegwentement, dan ittieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

**In kontro-eżami** mistoqsi jekk mill-but tal-imputat ħarġux ukoll xi sigaretti x-xhud jgħid illi ma jiftakarx. Lanqas ma jiftakar kemm kienu pulizija billi kienu diversi dakinhar, biss waqt it-tfittxija kienu tnejn ossia hu u PS 1174. Lanqas ma jiftakar jekk fl-istess ħin u fl-istess *common area* tat-*toilets* kinitx għaddejja tfittxija oħra. Mistoqsni jiftakarx kemm il-pillola eleva minn ġol-*common area* tat-*toilet*, spjega illi huwa ħareġ *tissue* mill-qalziet tal-imputat u din poġġiha fuq il-ġakketta tal-imputat. Mistoqsi mill-Qorti sabiex jispjega x'ried ifisser meta qal

[2] Ara a fol. 18 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 13 sa 19 tal-proċess.

li poġġa t-*tissue* fuq il-ġakketta tal-imputat, huwa spjega u wera lill-Qorti illi l-imputat kien qiegħed iżomm il-ġakketta tiegħu fuq idu u li huwa poġġa t-*tissue* fuq il-ġakketta. X'ħin fetaħ it-*tissue*, minn ġo fiha waqgħet pillola suspettata *ecstasy*. Ikkonferma illi waqgħet pillola waħda.[4]

Xehed ulterjorment **l-Ispettur Malcolm Bondin** li jgħid illi waqt it-tfittxija ġewwa l-istabbiliment in kwistjoni, il-pulizija li wettqu l-istess tfittxija sabu biss pillola waħda. It-tieni pillola mbagħad instabet minnu waqt li kien qed ikellem lill-imputat ġewwa l-uffiċċju tiegħu. Huwa jispjega li hekk kif fetaħ l-esebit, ossia t-*tissue*, waqgħet it-tieni pillola, skont hu, "*identika ghal dik li sabu mal-art*"[5]. Dwar it-*tissue* jgħid ukoll illi "*x'hin ftaht it-tissue u sibt it-tissue kien hemm just gabuhieli biex juruni li sabu t-tissue fuqu fejn kien hemm il-pirmla go fiha*".[6] Jgħid illi l-pulizija sabu l-ewwel pillola mal-art waqt it-tfittxija li saret minnhom u illi meta huwa fetaħ it-*tissue* huwa ħaseb li din kienet vojta, iżda minnha waqgħet pillola oħra fuq l-iskrivanija tiegħu. Għalhekk quddiem l-imputat huwa kellu żewġ pilloli.[7]

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2015 sabiex janalizza Dok. HM2[8], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella li fih kien hemm *evidence bag* bin-numru S00165624 li ġo fiha kien hemm *tissue* u żewġ pilloli ta' lewn aħdar.

Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi fuq estratt meħud mill-pillola ta' lewn aħdar instabet is-sustanza ***3-4methylenedioxymethamphetamine (MDMA)***. In-numru ta' pilloli kien ta' 2. Din is-sustanza hija kkontrollata taħt it-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.[9]

Xehed ukoll **l-imputat Stephen Tabone** li jgħid illi fl-24 ta' Diċembru 2013 hu u t-tfajla tiegħu marru jieklu ġewwa Estilo u wara li kielu u daqqu t-tokki ta' nofs il-lejl, marru flimkien ifittxu *bar*. Daħlu ġewwa l-istabbiliment *Sky* u wara xi żewġ *drinks*, l-imputat ħass il-bżonn illi jmur it-*toilet*. Spjega illi la hu u lanqas it-tfajla ma kellhom *tissue*. L-imputat ra illi t-*toilet* ma kienx adegwat għaliex il-bibien ma kinux jingħalqu u ma riedx jinqeda hemm. Spjega illi fuq il-*vanity* ġewwa dan it-*toilet* kien hemm *tissue* tal-pakkett nadifa u ħadha. Marru fil-*bar* Montecarlo. Meta daħal ġewwa staqsa għat-*toilet* u niżel għalih minn taraġ u daħal ġo *common area*, fil-waqt illi t-tfajla baqgħet tistennih barra. Jgħid illi l-*common area* kienet żgħira u t-*toilet* kien okkupat u reġa' ħareġ jgħid lit-tfajla li, skont hu, qaltlu biex jistenna u għalhekk reġa' daħal. Stenna u sadanittant daħlu

[4] Ara a fol. 20 sa 24 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 27 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 27 tal-proċess.
[7] A fol. 26 sa 28 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 5 tal-proċess.
[9] Din ir-relazzjoni tinsab immarkata bħala **Dok. GS** esebita a fol. 34 *et seq* tal-proċess.

ġewwa ħafna nies. Kif ħareġ wieħed minn ġol-*cubicle,* l-imputat mar biex jidħol, iżda ġie mwaqqaf u nfurmat illi kienet sejra ssir tfittxija fuqu. Fil-frattemp saret tfittxija wkoll fuq terza persuna. Huwa jgħid illi l-Pulizja qabduh u ħaduh mal-ħajt u bdew it-tfittxija fuqu, iżda fil-frattemp ħareġ il-kartiera, taha lill-pulizija u dan beda jfittex. Żied jgħid illi waqt li kienet għaddejja t-tfittxija fuq il-persuna l-oħra, taret pillola u l-persuna l-oħra bdiet tgħajjat illi dik ma kinitx tiegħu, iżda kienet tal-imputat. Da parti tiegħu, hu ossia x-xhud, wieġeb li dik ma kinitx tiegħu. Sadanittant il-pulizija sab it-*tissue* li huwa kien ħa minn fuq il-*vanity,* liema *tissue* l-pulizija għaffiġha u poġġieha ma' sider l-imputat. Huwa żied jgħid illi l-pulizija beda jgħidlu biex joqgħod hemm u jallega li l-pillola kienet tiegħu, meta tah ħass ħażin u waqa' mal-art. Jgħid illi t-*tissue* waqgħet mal-art.

Mistoqsi dwar dan, huwa jgħid li ma jafx minn fejn taret il-pillola u illi "*x'hin qisha nstemghet pillola taqa mal-art, l-iehor beda jghajjat mhux tieghi mhux tieghi u jien bdejt nghid mhux tieghi lanqas*", iżda jgħid illi l-pillola ma rahiex u mistoqsi kif kien jaf għalxiex kienu qed jirreferu, jgħid illi t-terz beda jgħid 'pillola' ossia "*mhux tieghi il-pillola mhux tieghi*". Jgħid li l-pillola ma rahiex, iżda semagħha u li ma kienx hemm storbju. Jispeċifika illi t-*tissue* li nstabitlu fil-but kienet l-istess *tissue* li ġab ftit tal-ħin qabel. Jgħid illi l-pulizija għaffiġha quddiemu, waqt li hu kien b'dahru mal-ħajt, il-pulizija beda jimbottah mal-ħajt u jgħidlu li l-pillola kienet tiegħu. Skont hu, il-pulizija qiegħed it-*tissue* ma' sidru u ma' jdejh. Tah ħass ħażin. Jgħid illi t-tieni pillola ma jafx minn fejn ġiet u li huwa la ra l-ewwel pillola u lanqas it-tieni waħda.

**In kontro-eżami** huwa jgħid illi x'ħin l-Ispettur, fl-uffiċċju tiegħu, fetaħ it-*tissue,* ħarġet pillola oħra u kien hawn li huwa raha l-ewwel darba. Jgħid li meta huwa waqa', jissoponi li t-*tissue* waqgħet mal-art, peress illi anke hu kien waqa'. Jgħid ukoll illi t-*tissue* ttieħdet lilu mill-but tiegħu.

**In ri-eżami**, huwa jgħid illi l-pilloli ma kinux tiegħu, kif kien qal mill-bidu lill-pulizija.[10]

## Ikkunsidrat ukoll:

Jirriżulta illi l-inċident mertu ta' dan il-każ seħħ fil-25 ta' Diċembru 2013 waqt illi l-Pulizija kienet għaddejja b'diversi tfittxijiet f'postijiet ta' divertiment ġewwa Paceville, fosthom ġewwa l-istabbiliment *Montecarlo,* fejn PS 1174 Adrian Sciberras u PC 1500 Alfred Cutajar għamlu tfittxija fuq l-imputat odjern, u minn *tissue* li nstabet fil-but tal-imputat, huma jgħidu li raw pillola taqa' mal-art. Skont PS 1174 din il-pillola nġabret minn PC 1500 u tpoġġiet lura fit-*tissue* ġewwa *evidence bag* flimkien mal-*mobile phone* tal-imputat.

[10] Ara a fol. 44 sa 55 tal-proċess.

Il-Qorti m'għandhiex dubju dwar dak li raw PS 1174 u PC 1500 ossia illi mit-*tissue* li nstabet fil-pussess tal-imputat u ċioe` fil-but tiegħu, waqgħet pillola ta' lewn ħadrani, liema pillola nġabret mill-ewwel minn PC 1500 u tpoġġiet ġewwa *evidence bag* flimkien mat-*tissue* li minnha waqgħet din l-istess pillola.

Dwar dan, il-Qorti tinnota illi għalkemm l-ispazju li fiha kienet qed issir it-tfittxija fuq l-imputat, kif ukoll tal-inqas fuq persuna oħra, kien wieħed żgħir, hija ċertament iżjed verosimili u kredibbli l-verżjoni tal-Uffiċjali tal-Pulizija li wettqu t-tfittxija, minn dik tal-imputat odjern. Kif ingħad, iż-żewġ Uffiċjali tal-Pulizija jgħidu illi raw il-pillola sussegwentement elevata minnhom, taqa' mit-*tissue* li kienet fil-pussess tal-imputat. Illi PC 1500 ġabar pillola minn mal-art u imputaha lill-imputat wara li skont l-istess imputat din taret waqt li kienet qed issir it-tfittxija fuq terza persuna mhuwiex verosimili jew probabbli u xejn kredibbli. Fl-ewwel lok, għalkemm l-imputat jgħid illi taret pillola minn fejn kienet qed issir tfittxija fuq it-terz, huwa jgħid ukoll illi fl-ebda mument ma ra din il-pillola ttir. Sussegwentement jgħid illi semagħha taqa', li għal raġunijiet ovvji, lanqas ma huwa verosimili. Imbagħad jgħid illi t-terz beda jgħajjat li dik il-pillola ma kinitx tiegħu, iżda tal-imputat u li kien għalhekk li huwa kien jaf li nstabet pillola fl-art. Minn dan kollu madankollu PS 1174 u PC 1500 ma jgħidu xejn, ħlief li PS 1174 jgħid li kien jaf li kienet għaddejja tfittxija oħra fl-istess waqt fuq terza persuna, minn uffiċjali oħra tal-pulizija. Il-Qorti ma tarax għalfejn huma kellhom jelevaw pillola mill-art u jaddebitawha lill-imputat, kemm il-darba ma kinux ċerti li raw illi din waqgħet mit-*tissue* li kienet fil-pussess tal-istess imputat, kif fil-fatt jgħidu li għamlu. Anzi PS 1174 jgħid ukoll illi huwa lanqas jaf x'irriżulta mit-tfittxija li kienet qed issir fuq it-terza persuna, għaliex hekk kif sabu l-pillola fil-pussess tal-imputat, huma ħarġu 'l barra bih mill-ewwel. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi lanqas ma hemm dubju li fil-pussess tiegħu l-imputat kellu *tissue*. Dan jammettih l-imputat stess waqt ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. F'dan il-kuntest, il-Qorti tqis ukoll illi lanqas ma huwa verosimili illi minn qabel l-imputat ġabar din it-*tissue* minn stabbiliment ieħor fi triqtu 'l barra mill-istess stabbiliment stante li ried jaqdi l-bżonnijiet tiegħu; dan evidentement sabiex jiċħad illi kien hemm xi pilloli fit-*tissue* in kwistjoni.

Hemm imbagħad il-kwistjoni tat-tieni pillola. Kemm PS 1174, kif ukoll PC 1500 jgħidu illi huma raw biss pillola waħda taqa' mit-*tissue* u li dak il-ħin, waqt li kienu ġewwa t-*toilets* tal-istabbiliment fejn saret it-tfittxija lill-imputat, ġiet elevata biss pillola waħda. Dwar dan iż-żewġ Uffiċjali tal-Pulizija kienu ċari.

Dak li ma kien ċar xejn f'din il-kwistjoni kollha kien l-Ispettur Malcolm Bondin fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Biss il-Qorti tinnota illi l-Ispettur Bondin ma kienx preżenti waqt it-tfittxija li saret lill-imputat, u illi għalkemm inizzjalment huwa jgħid, fl-ewwel xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, illi meta

tawh *handover* il-pulizija, dawn qalulu li kienu sabu pillola mal-art u pillola oħra tal-istess kulur f'*tissue* fuq il-persuna tiegħu, it-tieni darba li huwa xehed, huwa jgħid illi fit-*toilet* il-pulizija li għamlu t-tfittxija sabu pillola waħda biss, u illi t-tieni pillola sabha hu meta fetaħ it-*tissue* li kien hemm fl-*evidence bag* fl-uffiċju tiegħu. M'hemmx dubju illi waqt it-tfittxija fuq il-persuna tal-imputat, instabet biss pillola waħda u għalhekk hija t-tieni verżjoni tal-Ispettur Bondin li hija dik korretta, kif korroborata mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li attwalment wettqu t-tfittxija. Dwar it-tieni pillola, il-Qorti ma tistax ħlief tqis illi din waqgħet mit-*tissue* li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu meta l-Ispettur Bondin mar sabiex jiftaħ din l-istess *tissue* ġewwa l-uffiċju tiegħu. PS 1174 jixhed b'mod ċar illi fl-*evidence bag* fuq il-post tat-tfittxija, tpoġġew it-*tissue* in kwistjoni flimkien mal-pillola li waqgħet minnha u l-*mobile phone* tal-imputat. Għalhekk ma jistax ikun hemm spjegazzjoni oħra għajr illi t-tieni pillola wkoll kienet fil-pussess tal-imputat, fl-istess *tissue*, iżda nstabet biss la darba l-Ispettur Bondin fetaħ it-*tissue* fl-uffiċju tiegħu, fil-presenza tal-istess imputat. F'dan il-kuntest tqis ukoll illi l-ispazju li fih saret it-tfittxija tal-imputat minn PS 1174 u PC 1500 kien wieħed żgħir u ristrett, kif ukoll illi skont ix-xhieda tal-Ispettur Bondin, iż-żewġ pilloli kienu identiċi.

La darba jirriżulta mill-analizi tax-Xjenzat Godwin Sammut illi l-pilloli in kwistjoni kienu *ecstasy,* il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni kontra l-imputat ġiet sodisfaċentement ipprovata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis illi l-fedina penali tal-imputat kienet waħda netta fiż-żmien in kwistjoni, kif ukoll illi f'dan il-każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A u 120A(1)(a) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-penali ta' tmenin ewro (€80).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, sebgħa u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€147.50).

Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti esebiti bħala Dokument HM 2 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat